MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2014

Numru. 417/2014

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs**

**Eseron Genovese**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta’ Eseron Genovese ta 45 sena bin Francis u Angela nee’ Bugeja, imwieled Mtarfa fis-7 t’ Ottubru 1968, residenti fil-fond numru 57 ‘Dew Drops’ Triq l-iSpnot Xghajra, limiti Zabbar u detentur tal-karta ta’ l-identita` bin-numru 408768(M).

Akkuzat talli fis-7 t' April, 2014 u fix-xhur ta' qabel fil-hanut tieghu maghruf bhala Frans & Julia Boutique sitwat fi Triq San Bartholomew Qormi bil-ghan li jiehu vantagg ghalih innifsu jew ghal persuna ohra, jew bil-hsieb li jikkaguna telf lil xi persuna ohra, u minghajr il-kunsens tal-proprjetarju, biegh jew kera, offra jew espona ghall-bejgh jew kera jew qassam oggetti li kellhom fuqhom, jew li l-ippakkettjar taghhom kellu fuqu, sinjal identiku ghal, jew li x' aktarx jithawwad ma' trademark registrata, ai termini ta' l-artikolu 72(1)(a)(b)(c) tal-Att dwar it-Trademarks, Kap 416 tal-Ligijiet ta' Malta.

Aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghal hsieb ta' Kummerc, merkanzija b' marka, sinjal jew emblema imxebbhin b' qerq u cioe' numru ta' hwejjeg u cinturini ta' ditti diversi fosthom tal-Benetton, ai termini ta' l-artikolu 298(1)(f) tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f' kaz ta' htija, barra milli timponi piena skond il-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar it-13 ta' Gunju, 2014 ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b' mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet s-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m' ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri u kif ukoll il-fatt li kien hemm koperazzjoni shiha mill-imputat fil-kors tal-investigazzjonijiet.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 72(1)(a)(b)(c) tal-Kap. 416 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 298(1)(f) u 17 tal-Kodici Kriminali, il-Qorti ssib lil imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u b' applikazzjoni tal-Art. 22 tal-Kap. 446 tilliberah bil-kundizzjoni lima jikkommettiex reat iehor sa zmien sentejn millum.

Il-Qorti qed tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tal-oggetti counterfeit indikati f' dok MC1.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------